

Talbiet

Ir-rikorrent jitleb li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/69/PESK, tal-31 ta' Jannar 2011, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja, sa fejn hija tikkonċerna lir-rikorrent;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 84/2011, tal-31 ta' Jannar 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja, sa fejn huwa jikkonċerna lir-rikorrent;
- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/174/PESK, tal-21 ta' Marzu 2011, li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja, sa fejn hija tikkonċerna lir-rikorrent;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 271/2011, tal-21 ta' Marzu 2011, li jimplementa l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja, sa fejn huwa jikkonċerna lir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti u ksur tad-dritt tad-difiża, peress li l-motivazzjoni tal-atti kkontestati ma tippermettix lir-rikorrent li jikkontesta l-validità tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali u ma tippermettix lil din tal-aħħar li teżerċita l-istħarriġ tagħha fuq il-legalità tal-imsemmija atti.
- (2) It-tieni motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni peress li, fid-dawl tal-fatti, l-atti kkontestati ma huma bl-ebda mod iġġustifikati.
- (3) It-tielet motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna d-dħul u l-passaġġ fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2012 — Bial — Portela vs UASI — Probiotal (PROBIAL)

(Kawża T-113/12)

(2012/C 165/35)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bial — Portela & Ca, SA (São Mamede do Coronado, il-Portugall) (rappreżentanti: B. Braga da Cruz u J. Pimenta, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Probiotal SpA (Novara, l-Italja)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-20 ta' Diċembru 2011 fil-Każ R 1925/2010-4;
- tordna lill-konvenut jiċħad l-għoti tar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarju Nru 2408128 "PROBIAL"; u
- tordna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva bil-blu skur u ċelesti "PROBIAL" għall-oġġetti fil-klassijiet 1, 5 u 31 — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarju Nru 2408128

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat fl-oppożizzjoni: It-trade mark Portugiża b'reġistrazzjoni Nru 155284 tat-trade mark verbali "Bial", għall-oġġetti fil-klassi 5; it-trade mark "Bial" li huwa magħruf sew fil-Portugall; it-trade mark Komunitarju b'reġistrazzjoni Nru 1400183 tat-trade mark figurattiva fiswed u abjad "Bial", għall-oġġetti u servizzi fil-klassijiet 3, 5 u 42; it-trade mark Spanjol b'reġistrazzjoni Nru 2026481 tat-trade mark figurattiv fiswed u abjad "Bial", għal servizzi fil-klassi 35; reġistrazzjoni internazzjonali Nru 490635 għat-trade mark f'karattri standard "Bial", għall-oġġetti fil-klassi 5; l-emblema tal-istabbiliment Nru 868 tas-sinjtal figurattiv "Bial"; Isem tal-istabbiliment Nru 35157 għall-kelma "Bial"; it-tip logo Nru 951 tas-sinjtal figurattiv "Bial"

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħuda

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell evalwa b'mod żbaljat li t-trade marks inkwistjoni ma kinux jixxiebhu b'mod li joħlqu konfużjoni.